

32004R0738

22.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 116/5

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 738/2004

tal-21 ta' April 2004

li jissupplementa l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet ta' l-orijini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Peras de Rincón de Soto u Brioche vendéenne)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet u d-denominazzjonijiet ta' l-orijini għall-prodotti agrikoli u ta' l-ikel ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, Spanja bagħtet lill-Kummissjoni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' l-isem "Peras de Rincón de Soto" bħala designazzjoni ta' l-orijini u Franza bagħtet lill-Kummissjoni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' l-isem "Brioche vendéenne" bħala indikazzjoni ġeografika.
- (2) Bi qbil ma' l-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament, l-applikazzjonijiet ġew misjuba li jilħqu l-ħtiġiet kollha stabbiliti hemmhekk, u partikolarment li fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa b'konformità ma' l-Artikolu 4 tiegħu.
- (3) L-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni, fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 ma kienet waslet għand il-Kummissjoni bħala segwitu tal-publikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ ta' l-ismijiet elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

- (4) L-ismijiet konsegwentament jikkwalifikaw sabiex ikunu mdaħħla fir-"Reġistru tad-denominazzjonijiet ta' l-orijini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" u għandhom għalhekk ikunu protetti matul il-Komunità kollha bħala denominazzjonijiet ta' l-orijini protetti jew indikazzjoni ġeografika protetta.
- (5) L-Anness ta' dan ir-Regolament jissupplementa l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 ⁽³⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tlett ismijiet elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament huma miżjuda ma' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 u mdaħħla bħala denominazzjonijiet ta' l-orijini protetti (DOP) jew bħala indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) fir-"Reġistru ta' denominazzjonijiet ta' l-orijini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-għoxrin jum ta' wara l-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p.1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU C 186, tas-6.8.2003, p. 9 (Peras de Rincón de Soto).
 ĠU C 187, tas-7.8.2003, p. 2 (Brioche vendéenne).

⁽³⁾ ĠU L 327, tat-18.12.1996, p. 11. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 465/2004 (ĠU L 77, tat-13.3.2004, p. 27).

L-ANNEX

IL-PRODOTTI ELENKATI FL-ANNEX I TAT-TRATTAT INTIŻI GĦALL-KONSUM UMAN**Frott, ħxejjex u ċereali**

SPANJA

Peras de Rincón de Soto (DOP)

L-OĠĠETTI TA' L-IKEL IMSEMMI FL-ANNEX I TAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2081/92**Ħobż, prodotti tal-għaġina, kejkijiet, ħelu, u prodotti oħrajn tal-furnara**

FRANZA

Brioche vendéenne (IĠP)
